# Mark-Antonin u l-Baruni x-Xiħ (pġ 12,14, 16)

Immarka **jekk** hux **VERU** jew **FALZ**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Mark-Antonin kien imdorri jsiefer madwar l-Ewropa u kien influwenza ruħu mill-ideat demokratiċi ta' dak iż-żmien. | |
| 2 | Il-Baruni x-xiħ kien kuntent li ibnu kien qed idur mal-Ewropa. | |
| 3 | Il-Baruni x-xiħ xtaq jaġġorna ruħu u jinbidel maż-żminijiet. | |
| 4 | Mark-Antonin kien jemmen fl-ugwaljanza bejn il-klassijiet soċjali. | |
| 5 | Il-Baruni x-xiħ talab lil Mark-Antonin biex jibda jdur l-artijiet tal-familja ħalli l-bdiewa jsiru jafuh biex bil-mod il-mod jieħu post missieru. | |
| 6 | Għall-Baruni x-xiħ il-ħniena lejn min qed ibati kienet importanti imma kien importanti wkoll il-ħarsien tan-nobbiltà tal-familja tiegħu de los Ingallos. | |
| 7 | Mark-Antonin kien jaqbel ma' missieru u kellu entużjażmu kbir biex jagħmel dan ix-xogħol. | |
| 8 | Mark-Antonin kien sar ħabib ma' Chopin u baqgħu jiktbu lil xulxin. | |
| 9 | Mark-Antonin kien jiddispjaċih li l-istorja ta' Malta kienet biss fuq is-sinjuri u n-nobbli. Il-poplu komuni kien tħalla barra. | |
| 10 | Għal Mark-Antonin id-dar tagħhom kienet qisha "qabar monumentali". Jiġifieri kienet tfakkru fil-passat tagħhom bħala nies nobbli imma għalih din in-nobbiltà kienet spiċċat. Din hija metafora għax qed iqabbel id-dar ma' qabar u monument. | |
| 11 | Mark-Antonin kellu seba' mitt sena sabiex imut missieru ħalli fl-aħħar jagħmel li jrid u jkisser u jġib fix-xejn it-tradizzjoni tal-familja tiegħu. | |
| 12 | Mark-Antonin la seta' jħobb u lanqas jobgħod id-dar tal-familja tiegħu għax fiha kien trabba u minkejja li ma kinitx għal qalbu għax kienet tfisser in-nobbiltà li hu jridha tintemm xorta waħda kienet biċċa minnu. | |
| 13 | Missieru kien ferħan ħafna bl-attitudni ta' ibnu Mark-Antonin. | |
| 14 | L-antenati tiegħu kien ġew Malta minn Spanja. | |
| 15 | Mark-Antonin kien jifhem li missieru ma setax jifhem il-mentalità tiegħu għax hu kien għex fi żmien ieħor u ma setax jistenna li bniedem, fl-aħħar ta' ħajtu, ibiddel fehmtu. | |
| 16 | Għal Mark-Antonin, l-idea tan-nobbiltà li kien iħaddan missieru kien "għanqbut" li jissimbolizza xi ħaġa antika li m'għadhiex tajba. | |
| 17 | Mark-Antonin kien iħoss li missieru rnexxielu jmexxi lil familtu maż-żminijiet. | |
| 18 | Mark-Antonin ta tislima ta' nobbli lil missieru. | |
| 19 | Il-Karmelitani ferħu li rnexxielhom iħabbru l-mewta tal-Baruni x-xiħ qabel il-qassisin tal-Katridral biex hekk ikunu jistgħu jieħdu xi ħaġa tal-flus mingħand il-familja, ladarba l-Baruni kien wieħed mill-benefatturi tagħhom. | |
| 20 | Mark-Antonin ħa gost ħafna li kellu jkun hu li jġib fix-xejn it-tradizzjoni tal-familja de los Ingallos. | |

Schembri - Zerafa